**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 31 ta' Mejju, 2023**

Numru 14

**Appell Nru. 2/2022**

**Moviment Graffiti, Din l-Art Helwa, Friends of the Earth Malta,**
**The Archaeological Society Malta, Zminijietna-Voice of the Left,**
**Flimkien ghal Ambjent Ahjar (FAA), Green House, Rota,**
**Allison Pullicino, Sonia Tanti, Rita Zammit, Norman Zammit,**
**Adrian Grima, Josef Buttigieg, Stephanie Buttigieg u Arnold Cassola**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ambjent u r-Rizorsi u**
**l-kjamat in kawza, db San Gorg Property Limited Attn: Mr. Silvio Debono**

**Il-Qorti,**

Rat id-decizjoni taghha tal-11 ta' Jannar 2023 li biha cahdet l-ewwel tlett aggravji tat-terzi appellanti terzi interessati mid-decizjoni tat-Tribunal tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta' Dicembru 2021 wara decizjoni tal-Bord tal-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi rigward l-EA0007/17 ghal proposta 'Proposed City Centre multi-use development, including excavations of former ITS site & Wesghet Lewis V. Farrugia/Wesghet George Portanier, demolition of modern structures, sanctioning of partly demolished non-scheduled building, retention of Grade 2 scheduled buildings

and Cold War substation, construction of a 5 Star Hotel (386 rooms) Class 3B, 179 residences, commercial office space (Class 4A), shopping mall (Class 4B) and restaurants (Class 4C and 4D) and basement/surface car park. The proposal also includes the retention nd integraton of Grde 2 miliary blocks, Cold War substation and integration of other exisiting structures' f'Pembroke u San Giljan;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-appell thalla ghas-sentenza fuq il-bqija tal-aggravji;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal fuq l-aggravji l-ohra f'dan l-appell li tghid hekk:

Ir-Raba` Aggravju
Illi f'dan l-aggravju l-appellanti qed jindikaw li hemm nuqqas t'evalwazzjoni u studji adegwati ghal progett tal-mina kif ukoll mizuri ohra ta' mitigazzjoni, u jargumentaw li dan jirrizulta fi frammentazzjoni tal-progett u ksur tat-Terms of Reference mahruga millERA. B'mod specifiku, l-appellanti jagumentaw li:
a) ma sar l-ebda studju aggornat fuq it-traffiku;
b) ghalkemm il-progett tal-mina huwa necessarju sabiex l-izvilupp ikun wiehed ta' success, din m'hijiex inkluza flapplikazzjoni tal-izvilupp u giet inkluza biss wara l-konsultazzjoni pubblika – dan imur kontra l-principju ta' pjannar olistiku, u attentat biex jigi spezzettat il-process tal-EIA. L-istess mina ser tkun kawza ta'generazzjoni ta` hafna skart fejn ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' fejn ser jigi depozitat jew kif jista` jerga` jintuza;
c) M'huwiex maghruf jekk hemm'x bzonn ta' on-site batching plant ghal mina, u xi studji hemm bzonn isiru ghal tali zvilupp;
d) l-applikazzjoni ma tinkludi l-ebda indikazzjoni ta' alternattivi li gew studjati mill-applikanti, u r-ragunijiet ghaliex issoluzzjoni tal-mina giet maghzula;
e) L-Appropriate Assessment ma jistax jiehu post EIA olistiku li jinkludi l-progett tal-mina;
f) Jekk il-mina hija parti mill-progett imma ha ssir fil-futur dan huwa bi ksur ta' Regolament 10 tal-Ligi Sussidjarja 549.46;
g) Il-mizura tal-mina ma tikkonformax mat-ToRs li talbet l-ERA ghaliex m'hijiex fil-kontroll tal-izviluppatur u/jew l-ERA;
h) L-ERA ma kkunsidratx it-tqaccit ta' sigar protetti (mehtieg ghal mina).

Fir-risposta tal-ERA ghar-raba' u l-hames aggravji jigi ndikat li t-TIA m'huwiex studju mitlub mill-ERA, u li dan l-istudju ha in konsiderazzjoni l-impatt kumulattiv tal-izvilupp ta' Villa Rosa, approvat permezz ta' PA 2478/16. Tindika wkoll li ntalab u gie sottomess Appropriate Assessment li fih ġiet magħżula l-ewwel alternattiva (min tnejn), minhabba li din tinvolvi zvilupp fuq art f'zona protetta, u l-użu ta' roadheader machines intazlet bħala l-aħjar alternattiva (min tlett metodoloġiji għal-kostruzzjoni). LERA tindika wkoll li skont dan l-istudju, il-'portals' tal-mina proposta jinsabu ġo żona disturbata jew urbanizzata, 'l barra minn fejn jinstabu 'Annex 1 habitats', u jirriżulta li l-impatti fuq l-SAC huma mistennija li jkunu minimi.
Illi min-naha tieghu il-permit holder tal-PA 3807/17 jargumenta li l-istudji li saru kienu sufficjenti sabiex l-Awtorita` tal-Ippjanar tkun tista` tasal ghad-decizjoni taghha, izda li dan ma jfissierx li din l-Awtorita` approvat il-progett tal-mina, kif ukoll li f'kaz li jkun hemm proposta alternattiva, irid isir update tat-Traffic Impact Assessment kif ukoll tal-Environmental Impact Assessment u l-Appropriate Assessment. In oltre jissottolinea li fil-kors ta' applikazzjoni sabiex issir il-mina, jew xi toroq alternattivi, dawn ukoll huma soggett ghal l-

istudji necessarji. Finalment jinghad li din hija l-linja ta' hsieb ghal zviluppi ohra, ghaliex permessi f'zoni fejn ghadhom ma gewx iffurmati toroq ma jkunux komprizi fil-permess tal-izvilupp approvat.
It-Tribunal josserva li numru mill-punti ta' thassib imqajjma f'dan l-aggravju gew imqajjma f'numru ta' aggravji mressqa fl-appell odjern u fl-appell 224/1 liema appell qed jigi deciz kontestwalment mal-appell odjern. Ghaldaqstant, fir-rigward tal-punti (a), (b), (c), (d) u (h), it-Tribunal qed jistrieh fuq dak ikkunsidrat u deciz minnu fl-aggravji relattivi, u li allura f'dan l-aggravju ser jillimita lkunsiderazzjonijiet tieghu fuq punti (e), (f), (g). It-Tribunal josserva wkoll li fis-sitt aggravju tal-appell numru 224/21, l-appellanti ndikaw li kien hemm nuqqasijiet relatati mad-Direttiva 2011/92/UE trasposti fil-ligijiet Maltin fl-Avviz Legal 114 tal-2007. ItTribunal josserva hekk kif gie ndikat mill-ERA, l-iscreening tal-progett sar abbazi tal-Avviz Legali 114 tal-2007 (Regolamenti tal2007 dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali) li dak iz-zmien kien jirregola l-process tal-EIA [Skont punt 56 fis-sottomissjonijiet finali tal-ERA datati 19 ta' Novembru 2021], izda jirrizulta li l-process tal-EIA tkompla abbazi tal-Avviz Legali 412 tal-2017 (kif emendat bl-Att XXI tal-2020 u bl-Avviż Legali 448 u 455 tal-2020). Jirrizulta li d-Direttiva 2011/92/UE gew reflessi fl-Avviz Legal 412 tal-2017 li gie ppublikat fit-22 ta' Diċembru, 2017 sabiex jirregola lprocess tal-EIA, u dan kif indikat f'regolament (2) li jipprovdi kif gej:
"Dawn ir-regolamenti jittrasponu u jwettqu d-dispożizzjonijiet:
(a) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew utal-Kunsill tat-13 Diċembru 2011 dwar ilvalutazzjoni tal-effettita' ċerti proġetti pubbliċi u private fuq l-ambjent (kodifikazzjoni), kif emendata bidDirettiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill tas-16 ta'April 2014;
(b) tal-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (il-Konvenzjoni Espoo) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, ul-Ewwel u t-Tieni Emendi tagħha; u
(ċ) tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, fejn jolqtu l-koordinament talproċeduri ta' valutazzjoni ambjentali li jirriżultaw mir-rekwiżiti tad-Direttivi tal-Kunsill 2014/52/UE,92/43/KEE u liġijiet tal-Unjoni relatati."

It-Tribunal josserva li l-appellanti jaghmlu referenza ghad-Direttiva 2011/92/UE fil-kuntest tal-obbligu ta' EIA olistiku, similarment ghal kif qed jigi argumentat f'punt (f) ta' dan l-aggravju. Jigi osservat li skont it-Terms of Reference mahruga mill-ERA, gie ndikat li fir-rapport tal-EIA ghandhom jigu studjati l-alternattivi principali, b'dawn huma kkwalifikati kif gej:
"The following alternatives need to be duly considered, as relevant to the development itself (or to one or more phases thereof) and its requirements and constraints:
2.1 Alternative sites
2.2 Alternative technologies
2.3 Alternative layouts (including building heights, where relevant)
2.4 Downscaling of the project, or elimination of project components
2.5 Zero option (do-nothing scenario) - i.e. an assessment of the way the site would develop in the absence of the proposed project.
[Note: The zero option should be considered in sufficient detail as a plausible scenario in the EIA, wherever relevant, and not discarded upfront without proper discussion of its implications.]
2.6 Hybrids/combinations of the above [Skont sezzjoni 2 tat-Terms of Reference mahruga mill-ERA datati Lulju tal-2017]"

Illi skont is-suepost, huwa car li l-alternattivi li kellhom jigu studjati fir-rapport tal-EIA huma fir-rigward tal-izvilupp propost flapplikazzjoni tal-izvilupp, li fil-kaz odjern ma jinkludiex il-progett tal-mina. Illi l-istess Terms of Reference jindikaw dan li gej firrigward ta' mizuri ta' mitigazzjoni:
"A clear identification and explanation of the measures envisaged to prevent, eliminate, reduce or offset (as relevant) the identified significant adverse effects of the project during all

relevant phases including construction, operation and decommissioning [see Section 1.2.3 above]. As a general rule, mitigation measures for construction-phase impacts should be packaged as a holistic Construction Management Plan (CMP). Whilst the detailed workings of the CMP may need to be devised at a later stage (e.g. after the final design of the project has been approved and/or after a contractor has been appointed), the key parameters that the CMP must adhere to for proper mitigation need to be identified in the EIA. Broadly similar considerations also apply vis-à-vis operational-phase impacts [which may need to be mitigated through an operational permit] and decommissioning-phase impacts [see Section 5.4 below], where relevant.
Mitigation measures for accident/risk scenarios should be packaged as a holistic plan that includes the integration of failsafe systems into the project design as well as well-defined contingency measures.
The recommended measures should be feasible, realistically implementable to the required standards and in a timely manner, effective and reliable, and reasonably exhaustive. They should not be dependent on factors that are beyond the developer's and ERA's control or which would be difficult to monitor, implement or enforce. The actual scope for, and feasibility of, effective prevention or mitigation should also be clearly indicated, also identifying all potentially important pre-requisites, conditionalities and side-effects. [Sezzjoni 5.1 tat-Terms of Reference mahruga mill-ERA datati Lulju tal-2017]"

Illi kif gie ndikat fis-sitt aggravju tal-appell 224/21, il-mizura ta' mitigazzjoni tal-mina giet rakkomandata fl-istudju tat-TIA li sar b'mod parallel mal-istudju tal-EIA, izda finalment jirrizulta li din il-mizura ta' mitigazzjoni giet addottata fir-rapport u rrakkomandazzjoni finali tal-ERA fir-rigward tal-EIA. Illi hekk kif gie ndikat fir-risposta tal-ERA, il-clearance mahruga min Transport Malta ghal dan il-progett hija marbuta mal-obbligu mehud mill-gvern sabiex jigu mplimentati progetti ta' titjib flinfrastruttura tat-toroq. Jirrizulta li dan l-obbligu gie sodisfatt, hekk kif jirrizulta mill-informazzjoni pprovduta mill-Awtorita talIppjanar fil-mori tal-appell 224/21 [Letter of Commitment 1 u 2 annessi mar-risposta tat-12 t'Ottubru 2021 fl-appell 224/21].
Illi kif gie kkunsidrat fis-sitt aggravju tal-appell 224/21, il-mina giet proposta bhala mizura ta' mitigazzjoni fil-process tat-TIA u m'hijiex limitata specifikament bhala soluzzjoni izolata ghal dan il-progett. Jirrizulta li l-istess zvilupp approvat huwa suggett u marbut b'mod dirett mal-implimentazzjoni ta' mizuri sabiex jigi mitigat l-impatt tal-izvilupp fuq it-traffiku hekk kif identifikat fit-TIA, u ghalkemm fil-clearance originali mahruga min Transport Malta gie ndikat li "It is not normally within the scope of a TIA to put forward detailed working drawings, supported by project specific EIA, technical and financial feasibility studies for the road infrastructure intervensions being proposed as mitigating measures. This shall need to be carried at a later stage by Infrastructure Malta in oder to determine whether the TIA proposal is the optimal raod infrastructure solution, whether this could be improved upon or whether alterantive proposals could perform better. [Skont dok a fol 4689A fl-inkartament tal-PA03807/17]", sal-prezent il-mina bhala mizura ta' mitigazzjoni hija s-soluzzjoni li qed tigi kkontemplata, tant li quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar hemm pendenti applikazzjoni ghal zvilupp PA06089/19 li tinkludi l-proposta tal-mina.
Illi in vista ta' dan li it-Tribunal iddecida fl-imsemmi aggravju li jinkludi kundizzjoni fil-permess sabiex l-ebda parti tal-izvilupp ma tibda topera qabel jkun hemm konferma min Transport Malta, u dan sabiex jassigura li l-mizura ta' mitigazzjoni sabiex jigi mitigat l-impatt tal-izvilupp fuq it-traffiku ikun gew implimentati qabel jibda jopera l-izvilupp. It-Tribunal hawnhekk jaghmel enfasi partikolari ghal fatt li l-clearance ta' Transport Malta hija wkoll intrinsikament marbuta mas-segwenti kundizzjonijiet:
a) Presentation of a letter of commitment by the Government of Malta to the implementation of the required transport infrastructure measures within an appropriate time-frame, to ensure that the site-generated traffic does not create conditions in which the road capacity are exceeded;

b) Full implementation of the provisions of the Green Travel Plan, as set out in the TIA for a period of at least 5 years. The developer will be required to appoint a Green Travel Coordinator who shall be responsible for overseeing the implementation of the Green Travel Plan and reporting the results each year to Transport Malta [Skont dok a fol 4689A fl-inkartament tal-PA03807/17].

It-Tribunal josserva li tali kundizzjoni taghti l-komfort necessarju sabiex ikun hemm dak il-livell ta' commitment necessarju sabiex jigu mplimentati dawk il-mizuri necessarji sabiex l-impatt tal-izvilupp fuq it-traffiku jigi mitigat, liema mizuri sal-prezent jinkludu lprogett tal-mina li ghalih Infrastructure Malta ssottomettiet applikazzjoni tal-izvilupp PA 6089/19 u l- Green Travel Coordinator li jaqa` fir-responsabbilta` assoluta tal-applikant. Ghaldaqstant jirrizulta li l-mizura tal-mina hija mizura ta' mitigazzjoni reali u ghaldastant konformi mat-Terms of Reference mahruga mill-ERA.

Fir-rigward tal-allegat spezzettar tal-progett, l-appellanti jargumentaw li jekk il-mina hija parti mill-progett imma ha ssir fil-futur, dan huwa bi ksur ta' Regolament 10 tal-Ligi Sussidjarja 549.46. It-Tribunal ghal darb'ohra jenfasizza li l-mina giet identifikata bhala mizura ta' mitigazzjoni skont kif mitlub fit-Terms of Reference tal-ERA, u ma tiffurmax parti mill-progett odjern. It-Tribunal hawnhekk jerga jaghmel referenza ghad-definizzjoni ta' "valutazzjoni tal-impatti ambjentali" fil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46, b'din tipprovdi hekk: "tfisser il-proċess li jidentifika, ibassar, jivvaluta, jevita u jtaffi l-effetti ambjentali rilevanti ta' proġetti u interventi fiżiċi proposti qabel majsiru d-deċiżjonijiet u l-impenji rilevanti". Illi l-mina ma tiffurmax parti mill-progett ta' City Centre tant li din il-mizura ta' mitigazzjoni ma hijiex intiza biss sabiex jittaffa l-impatt fuq it-traffiku kkrejat min dan l-izvilupp, izda sabiex jittaffa l-impatt kumulattiv ta' zviluppi fiz-zona hekk kif gie identifiat fit-Traffic Impact Assessment (TIA). Ghaldaqstant, ma jirrizultax li hemm ksur ta' Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja surreferita.

It-Tribunal josserva ulterjorment li hekk kif gie kkunsidrat fis-sitt u l-hdax il-aggravji tal-appell numru 224/21, l-Appropriate Assessment maghmul fil-kors tal-applikazzjoni PA 3807/17 kien limitat ghall-analizi fuq l-impatt ambjentali fuq is-sit ta' Natura 2000, filwaqt li fl-applikazzjoni pendenti PA 6089/19 li tinkludi l-mina in kwistjoni, l-ERA ghamlet talbiet sabiex issir sottomissjoni ta' Project Description Statement (PDS) ghar-raguni li dan l-izvilupp jikkwalifika ghal tali skont l-iskeda numru 1 tal-ligi sussidjarja 549.46 [Skont dokument a fol 82A u 148A fl-inkartament tal-PA06089/19]. Ghaldaqstant ma jirrizulta min imkien li l-Appropriate Assessment issostitwixxa l-bzonn li jsiru l-istudji necessarji, inkluz EIA.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad dan l-aggravju.

Il-Hames Aggravju

Dan l-aggravju jirrigwarda l-valutazzjoni tat-Trip Generation/Attraction assessment li tifforma parti mit-TIA, bl-appellanti jindikaw li dawn huma msejsa fuq assunzjonijiet gratwiti u minhabba li dawn jiddependu fuq il-kostruzzjoni ta' mina tat-TEN-T li ma tiffurmax parti mill-progett u m'hijiex inkluza fl-upgrading tat-toroq pjanati ghal din iz-zona. Fis-sottomissjonijiet finali jigi ndikat li l-proposta pprezentata min Infrastructure Malta (PA/06089/19) qed tipproponi skema kompletament differenti min dik tat-TEN-T, u ghalhekk il-konkluzjonijiet tat-TIA jonqsu milli jipprovdu stampa cara tal-impatti. Illi dan l-aggravju huwa wiehed komuni mal-aggravji numru 6 u 20 tal-appell numru 224/21 u liema appell qed jigi deciz kontestwalment mal-appell odjern.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fid-dsatax-il aggravju tal-appell numru 224/21, fejn gie osservat li l-konkuzjonijiet maghmula fit-Traffic Impact Assessment (TIA) huma msejjsa fuq l-implimentazzjoni ta' mina li tifforma parti millistrategija nazzjonali sabiex in-network tat-TEN-T jigi upgraded u l-implimentazzjoni ta' mina identifikata bhala mizura mizura ta' mitigazzjoni ghal dan il-progett u zviluppi ohra fiz-zona. L-appellanti madankollu qed jargumentaw li hemm diskrepanzi bejn liskema tat-toroq kif proposta fit-TEN-T network u l-iskema tat-toroq kif prezentata min Infrastructure Malta fl-applikazzjoni PA/06089/19.

It-Tribunal josserva li t-Terms of Reference mahruga mill-ERA fir-rigward ta' infrastruttura u servizzi ezistenti kienet tesigi kif gej: "The assessment should investigate the currently available infrastructural services […] including details about their carrying capacity […] should also compare this information to the infrastructural demands of the project as identified in Section 1 above […] The assessment should also identify any existing or projected infrastructural services located within the area of influence of the development (even if not related to the demands of the development) that might be affected by the development or which may need to be displaced or diverted as a consequence of the development or its ancillary operations and interventions. [Sezzjoni 3.9 tat-Tors]"
Illi fir-rapport tat-TIA originali, dan kien jinkludi referenza ghall-infrastruttura tat-toroq progettata u zviluppi approvati li ghandhom ma gewx ezegwiti, kif gej:
"Refence is made to the discussion in section 2.2.5/C (on page 48) regarding the works which needs to be done prior to 2025 on the section of the Malta TEN-T […] Measure RD6 is a legal requirement as its implementation is expected in the NTMP to contribute of the Malta TEN-T […] the site is located adjacent to a tract of land which forms part of three stires which are earmarked for a major development, which is referred to as the 'Villa Rosa development' in this report […] This consultant requested to consider the cumulative impact of the City Centre and the Villa Rosa developments. For this reason, this TIA assumes the following: · ·
- A 1.5% per annum network traffic growth which covers new approved but not in-operations developments which are bound to have an impoact of the Paceville/Pembroke network, and · ·
- Development-traffic' to be traffic generated by the City Centre and Villa Rosa developments. [Skont paragrafi 2.7, 2.8 and 2.8.4 tat-Traffic Impact Assessment (TIA) – kopja f'dok a fol 4618d fl-inkartament tal-PA03807/17]"

Illi sussegwentement fid-dikjarazzjoni maghmula mill-koordinatur tat-TIA gie ndikat li:
"Amongst other things this TIA assessed the peak-hours performance of the two junctions […] Both junctions were found to lack the capacity to handle network traffic including the traffic generated by approved projects in the area for the years 2021 and 2026, but without any traffic attracted/generated by the proposed City Centre […] City Centre traffic is excluded from the calculations leading to the said results, as it would by-pass the two junctions as follows: · ·
● Trips to/from the southern section of Triq Mikiel Anton Vassalli would pass through the proposed TEN-T tunnel and the proposed Pembroke Tunnel. · ·
● Trips to/from the north would pass through the proposed Pembroke Tunnel. [Skont it-TIA declaration f'dok a fol 4651A fl-inkartament tal-PA03807/17]"

In vista ta' dawn l-estratti, it-Tribunal josserva li fil-process tat-TIA, li sar b'mod parallel mal-process tal-EIA, ma giex kkunsidrat biss l-impatt tal-izvilupp ta' City Centre izda l-impatt kumulattiv ta' zviluppi magguri f'din iz-zona partikolarment l-izvilupp approvat fuq is-sit ta' Villa Rosa, kif ukoll gie kkunsidrat l-upgrade tan-network tat-TEN-T kif propost fin-National Transport Master Plan 2025. Jirrizulta li dan huwa in linea mat-Terms of Reference mahruga mill-ERA, fejn fir-rigward ta' infrastruttura ezistenti, dawn ghandhom jinkludu "existing or projected infrastructural services located within the area of influence of the development (even if not related to the demands of the development) that might be affected by the development". [Enfasi Mizjuda] Illi ghalkemm l-appellanti qed jallegaw li l-istudju tat-TIA huwa outdated minhabba tibdil fl-iskema tat-toroq min dik kontemplata fin-National Transport Master Plan 2025, jirrizulta li l-applikazzjoni PA 6089/19 ghadha pendenti quddiem lAwtorita` tal-Ippjanar, u ghaldaqstant l-iskema pprezentata f'dik l-applikazzjoni ma tistax tigi meqjusa bhala fatt kompjut. Tali skema tat-toroq ghandha tigi studjata sabiex tinstab l-ahjar soluzzjoni ghal din iz-zona sabiex tassigura li l-ghanijiet espressi finNational Transport Master Plan u l-mitigazzjoni tal-impatti kumulattivi tal-progetti studjati fit-TIA. Dan l-ezercizzju jaqa` taht irresponsabbiltajiet ta' Transport Malta u Infrastructure Malta, b'din tal-ewwel hija l-istess

entita` li pprovdiet il-conditional clearance ghal progett ta' City Centre, u ghaldaqstant hija ben konxja tan-necessitajiet ta' dan l-izvilupp.

Barra min hekk, kif gie ndikat fid-dikjarazzjoni maghmula mill-koordinatur tat-TIA fir-rigward tal-proposta aggornata "the anticipated impacts of the proposed development would be of a lower level of significance than that of the original proposal. For this reason, the original TIA as a source of environmental information for informed decision-making purposes remains valid. [Skont dok a fol 11160A fl-inkartament tal-PA03807/17]". Ghaldaqstant, anke in vista li l-iskala tal-izvilupp hija wahda ridotta, l-allegazzjoni li l-konkluzjonjiiet tal-istudju tat-TIA originali kkunsidrat fil-proposta tal-2018 huwa outdated hija wahda nfondata, u in konsegwenza l-impatt talizvilupp fuq l-infrastruttura kif identifikati fil-process tal-EIA baqaw relevanti.

Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed jigi michud.

Is-Sitt Aggravju

Dan l-aggravju jikkoncerna t-Trip Generation/Attraction assessment, bl-appellanti jargumentaw li dawn huma qarrieqa u ma jaghtux stampa cara tal-ammont ta' traffiku li ser jigi ggenerat b'dan l-izvilupp. Jigi ndikat li l-koordinatur tal-EIA jonqos milli jissostanzja l-assunzjonijiet mehuda u li tali assunzjonijiet huma nsostanzjati u minghajr ebda forma ta' spjegazzjoni, u ghaldaqstant gialadarba il-EIA huwa bbazat fuq dawn il-figuri, il-konkluzjonijiet ta' dan huma inadegwati. Dan l-aggravju huwa wiehed komuni mal-ghoxrin aggravju tal-appell numru 224/21 li qed jigi deciz kontestwalment ma' dan l-appell.

B'risposta ghal dan l-aggravju, l-Awtorita` tirrivela li l-istudju tat-Traffic Impact Assessment (TIA) m'huwiex studju mitlub millERA, u li ghalkemm il-mizura tal-mina giet studjata, din ma taghmilx parti mill-proposta.

Illi l-permit holder tal-PA 3807/17 jargumenta l-dan l-aggravju huwa frivolu minhabba li l-istudju mhux biss kien in linea ma dak mitlub, izda sab l-approvazzjoni tal-awtoritajiet rispettivi, kif ukoll kien soggett ghal skrutinju waqt il-konsultazzjoni pubblika.

It-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fl-ghoxrin aggravju tal-appell numru 224/21 f'dak li ghandu x'jaqsam mal-analizi teknika maghmula fir-rigward tal-ammont ta` trips generated mill-izvilupp, fejn gie osservat li l-eventwali clearance da parti ta' Transport Malta hija bbazata fuq TIA statement pprezentati f'minuta 11160 u kjarifiki f'dok a fol 13557b, u mhux fuq id-dokument li ghalih jaghmlu referenza l-appellanti, ossia dokument 13598c. It-Tribunal hawnhekk josserva li fis-sottomissjonijiet finali, l-appellanti jargumentaw li "It is particularly ridiculous to see that every single one of the 90 shopping assistants working in the shopping mall is presumed to be using public transport. Not even one of them arrives by private car." It-Tribunal ghal darb'ohra josserva li d-dokument 13598c li ghalih jaghmlu referenza l-appellanti specifikament jirrigwarda l-ammont ta' parkegg ipprovdut fuq is-sit, u fir-rigward ta' dan l-aspett, l-appellanti ma ressqa l-ebda aggravju. Barra min hekk, il-figuri li qed jigi ndikati mill-appellanti lanqas huma korretti ghaliex skont pagna 4 ta' dan id-dokument, it-total ta' impjegati gewwa 'other shops in mall' jammonta ghal 135, fejn 45 huma ndikati li juzaw private mode of transport, u 90 juzaw public mode of transport.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa meqjus bhala insostanzjat u ghalhekk qed jigi michud.

Is-Seba` Aggravju

Dan l-aggravju jikkoncerna l-Green Travel Plan sottomess u approvat fl-applikazzjoni tal-izvilupp PA 3807/17, bl-appellanti jindikaw li dan il-pjan mhux adegwat minhabba li l-mizuri ta' mitigazzjoni li m'humiex fil-kontroll tal-izviluppatur jew l-ERA. Jinghad ukoll li l- Green Travel Plan imur lil hinn mit-Terms of Reference tal-ERA, jinkludi numru ta' suppozizzjonijiet vagi u jiddependi minn diversi entitajiet ohra hekk kif indikat mill-istess awturi ta' dan il-pjan. L-appellanti jargumentaw li b'rizultat ta' dan, il-EIA huwa nkomplet u nsostanzjat. Illi dan l-aggravju huwa wiehed komuni mat-tnejn u ghoxrin aggravju numru tal-appell numru 224/21 li qed jigi deciz kontestwalment ma' dan l-appell.

B'risposta ghal dan l-aggravju, l-Awtorita` tirrileva li l-GTP ma giex mitlub mill-ERA u ma jiffurmax parti mill-EIA propju ghaliex dan kien ssuggerit fit-TIA bhala miżura sabiex jiġu

esplorati alternattivi iktar sostenibbli ta' trasport, kif ukoll sabiex titnaqqas iddipendenza fuq l-użu ta' karozzi privati. L-ERA tindika li t-twettiq tal-Greeen Travel Plan m'huwiex fil-mansjoni taghha u li miżuri ohrajn bhal titjib fit-trasport pubbliku, jeħtieġu laqgħat u diskussjonijiet bejn l-entitajiet koncernati.
Illi l-permit holder tal-PA 3807/17 jargumenta li dan l-aggravju huwa frivolu minhabba li l-istudju mhux biss kien in linea ma dak mitlub, izda sab l-approvazzjoni tal-awtoritajiet rispettivi, kif ukoll kien soggett ghal skrutinju waqt il-konsultazzjoni pubblika.
Illi a skans ta' repetizzjoni, it-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fit-tnejn u ghoxrin aggravju talappell numru 224/21, fejn finalment l-aggravju qed jigi michud . It-Tribunal jippuntwalizza wkoll li l-Green Travel Plan hija propju mizura li giet inkluza fir-rapport tat-TIA u li min-naha taghha Transport Malta enfasizzat li tali mizura ghandha tigi implimentata skont il-kundizzjonijiet imposti fil-clearance taghha [Skont dok a fol 4689A fl-inkartament tal-PA03807/17], u ghaldaqstant tali mizura hija wahda kompletament indipendenti mill-process tal-EIA.
Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

It-Tmien Aggravju
F'dan l-aggravju l-appellanti jargumenaw li l-ERA naqset fl-obbligi taghha minhabba li naqset milli titlob informazzjoni dettaljata dwar il-progett u l-impatti tieghu, naqset milli tikkunsidra l-impatti kumulattivi, u alternattivi ohra bhal tnaqqis fl-iskala tal-izvilupp. L-appellanti jargumentaw ukoll li l-approvazzjoni tal-ERA tar-rapport tal-EIA hija wahda superficjali u konsmetika, u li l-ERA ma aderixxietx mad-dispożizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.96, kif ukoll cahdet id-dritt ghal informazzjoni dwar l-ambjenta u partecipazzjoni fil-process tal-ippjanar.
Fir-risposta tal-ERA, jigi osservat li l-process tal-EIA huwa regolat permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarju 549.46, filwaqt li lLegislazzjoni Sussidjarja 549.96 li jaghmlu referenza ghaliha l-appellanti huma regolamenti li jipprovdu għal deroga sabiex jiġu kkontrollati żewġ speċi ta' għasafar protetti fl-interess tas-sigurtà tal-ajru u bl-ebda mod ma huma relatati mad-deċiżjoni mertu ta' dan l-appell. L-ERA tindika ulterjorment li: · ·
● L-ERA m'hijiex responsabbli sabiex tinforma l-pubbliku fuq il-proċess tal-ippjanar; ● kull dokument relatat mal-EIA in kwistjoni kien aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-ERA;
● l-EIA kien soġġett għall-konsultazzjoni pubblika in linea mar-rekwiżiti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46;
● l-aġġornament tal-EIA in kwistjoni ġie ppreżentat quddiem il-Bord tal-Awtorità f'laqgħa pubblika wara d-dħul fisseħħ tal-emendi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46;
● l-iscreening, il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-ERA kienu adegwati u skont dak rekwiżit mil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46; Wara li ġew sottomessi pjanti riveduti fl-2020 li juru tnaqqis fl-iżvilupp, l-ERA talbet dikjarazzjoni mill-koordinatur tal-EIA u aġġornament tad-dokumentazzjoni dwar l-EIA u l-Appropriate Assessments (AA) li saru fl-2017 u fl-2018, rispettivament
● id-dokumenti ġew iċċirkolati ma' numru ta' partijiet interessati u saret konsultazzjoni pubblika bejn il-15 ta' Frar 2021 u 17 ta' Marzu 2021; u
● l-ERA waslet ghal konklużjoni taghha wara li xtarret l-informazzjoni mogħtija fl-EIA, il-pjanti tal-proġett proposti u l-informazzjoni rilevanti fl-applikazzjonijiet tal-ippjanar, u mponiet diversi kundizzjonijiet inkluz dawk imposti sabiex ikun hemm salvagwardjar ta' Għar Ħarq Ħammiem, mitigazzjoni ta' mpatti waqt il-fażi ta' kostruzzjoni, programm ta' monitoraġġ li jrid jiġi fformulat minn koordinatur tal-monitoraġġ u obbligu ta' permessi ambjentali sabiex jiġi assigurat illi loperat tal-iżvilupp ma jikkaġunax ħsarat ambjentali.

Fir-risposta tal-permit holder tal-PA3807/17 jaghmel bhala tieghu stess ir-risposta moghtija mill-Awtorita`, u jigi ndikat li dan qed isir stante li din l-istess risposta hija bbazata fuq fatti u kunsiderazzjonijiet oggettivi u korretti.

Illi fl-ewwel lok, danit-Tribunal jistharreg l-ilment tal-appellanti vis-a-vis l-approvazzjoni tal-ERA tar-rapport tal-EIA, b'dawn jallegaw li l-ERA principarjament kienet kkoncernata li ssegwi l-procedura u li tali approvazzjoni kienet wahda superficjali u konsmetika.

Illi l-ilment imressaq mill-appellanti li l-ERA kienet biss kkoncernata li s-segwi procedura ma' jinfthiemx, u dan ghaliex hekk kif gie osservat fir-risposta moghtija mill-ERA, din l-Awtorita` ghandha obbligu li ssegwi l-procedura stabbilita fir-regolamenti talprocess tal-EIA (Legislazzjoni Sussidjarja 549.46). Tali obbligi ta' procedura johorgu min Taqsima V (Proceduri ghall ezami tarrilevanza u ghall valutazzjoni) u tinkludi l-istadju tal-vetting sabiex jigi deciz jekk il-progett jaqax taht dawn ir-regolamenti, sottomissjoni ta' Project Description Statement, screening addizzjonali tal-PDS, l-istadju ta' Scoping li jinkludi konsultazzjoni u eventwalment il-hrug tat-Terms of Reference ghal eventwali rapport tal-EIA, is-sottomissjoni tar-rapport tal-EIA u l-valutazzjoni min-naha tal-ERA u finalment laqgha fil-pubbliku.

It-Tribunal josserva wkoll li ghalkemm l-appellanti qed jaghmlu referenza ghall-approvazzjoni tal-ERA tar-rapport tal-EIA, lappell imressaq mill-appellanti huwa fil-konfront tad-decizjoni mehuda mill-ERA fir-rigward tar-rapport tal-EIA, u mhux limitatament ghar-rapport tal-EIA innifsu. Illi ghalkemm tali distinzjoni tista` tidher sottili, ir-regolamenti dwar il-valutazzjoni ambjentali (Legislazzjoni Sussidjarja 549.46) jaghmlu din id-distinzjoni ferm cara, skont is-segwenti definizzjonijiet:

"rapport tal-VIA" tfisser id-dokument li fih ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-konsulenti jiġu ppreżentati mill-konsulenti b'mod koordinat lill-Awtorità, lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, lill-pubbliku u lill-pubbliku interessat, bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatti ambjentali;

"valutazzjoni tal-impatti ambjentali" jew "VIA" tfisser il-proċess li jidentifika, ibassar, jivvaluta, jevita u jtaffi l-effettiambjentali rilevanti ta' proġetti u interventi fiżiċi proposti qabel ma jsiru d-deċiżjonijiet u l-impenji rilevanti, u tinkludi, kif indikat f'aktar dettall f'dawn ir-regolamenti:

(a) it-tħejjija ta' rapport tal-VIA mill-iżviluppatur;

(b) it-twettiq ta' konsultazzjonijiet, fosthom konsultazzjonijiet ma' entijiet tal-Gvern u malpubbliku interessat;

(ċ) l-analiżi, mill-Awtorità, tar-rapport tal-VIA u ta' kull informazzjoni supplementari pprovduta jew riċevuta, mingħand l-iżviluppatur jew permezz ta' konsultazzjonijiet;

(d) il-konklużjoni motivate tal-Awtorità dwar l-effetti sinifikattivi tal-proġett fuq l-ambjent, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-analiżi msemmija fil-paragrafu (ċ) u l-analiżi supplimentari tagħha stess; u

(e) l-integrazzjoni tal-konklużjoni motivata tal-Awtorità fid-deċiżjoni dwar l-il-proġett jew f'xi deċiżjoni oħra rilevanti;

In vista tas-suespost, ghalkemm huwa car li d-decizjoni tal-ERA hija intrinsikament marbuta mar-rapport tal-EIA, m'huwiex dan biss li l-ERA ddecidiet fuqu ghaliex il-process tal-EIA jinkludi diversi stadji inkluzi konsultazzjonijiet, valutazzjoni tar-rapport talEIA, u finalment konkluzjoni motivata u integrazzjoni ta' din fid-decizjoni dwar il-progett innifsu. Dan kollu qed jinghad ghaliex ghalkemm l-appellanti qed jaghmlu referenza ghal approvazzjoni tal-ERA tar-rapport tal-EIA, dan ma jirrizultax li huwa il-kaz. Dak li gie approvat mill-ERA huwa l-process shih tal-EIA li jiehu in kunsiderazzjoni kemm ir-rapport kkummisjonat tal-EIA, kif ukoll konsultazzjonijiet ma' diversi entitajiet u l-pubbliku, u valutazzjoni ta' dan kollu fir-rapport finali tal-ERA.

B'konkluzjoni ghal dan, it-Tribunal josserva li l-procedura tassattiva stabbilita bil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46 hija wkoll intiza sabiex ikun hemm partecipazzjoni pubblika fil-process tal-EIA. Di fatti, dawn ir-regolamenti jesigu li ghandu jkun hemm laqghat u konsultazzjoni fil-fazijiet tal-iscoping, meta jigi sottomess ir-rapport tal-EIA, u ricentament l-introduzzjoni ta' laqgha fil-pubbliku (permezz tal- Avviz Legali 455 tal-2020) sabiex wara li jkun gie ppreparat rapport mill-ERA fuq il-rapport tal-EIA (inkluz kummenti u rakkomandazzjonijiet min entitajiet u persuni nteressati), ikun hemm diskussjoni tar-rapport tal-EIA, il-progett u limpatti tieghu. Isegwi ghalhekk li l-procedura hija ntiza sabiex ikun hemm partecipazzjoni shieha mill-pubbliku f'dan il-process, u jirrizulta li dan sar skont il-

provvedimenti legali tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46 hekk kif indikat fid-dettal mill-ERA fir-risposta finali taghha [Punt numru 37 fis-sottomissjonijiet finali tal-ERA datati 19 ta' Novembru 2021].

Fir-rigward tal-impatti kumulattivi, it-Tribunal josserva fir-rapport finali tal-ERA hemm inkluz kummenti ta' persuni nteressati filprocess tal-EIA. Illi dawn propju jinkludu kummenti maghmula min diversi ghaqdiet u persuni li jiffurmaw parti min dan l-appell, bil-kummenti wkoll kienu jaghmlu accenn ghal nuqqasijiet fir-rigward ta' mpatti kumulattivi, li fir-rigward taghhom il-koordinatur tal-EIA spjega kif gej:

"- The photomontages in the above-mentioned appendices B04 and B05 refer to cumulative impacts. - The forecasts of network traffic flows referred to an annual growth rate of 1.5% per annum, when the Planning Authority requirement was 1% per annum. The substantial increase in the network traffic flows resulting from this assumption were meant to reflect both foreseen and unforeseen network traffic growth in the network resulting from further development in the Paceville area and beyond. It should also be noted that in addition to the growth of network traffic, the traffic generated by the Villa Rosa Development (which was approved mid-way through the EIA process) was also taken into consideration. These aspects were considered in the TIA and the air quality and noise assessments.

- As for the other environmental aspects which are mentioned, one would expect the author of the comment to give more detail regarding the additional work which could have been done. [Pagna 14 tar-rapport tal-ERA 'Summary of the Updated Documentation to the Environmental Impact Assessment (EIA) and Appropriate Assessment (AA) Reports' datat April 2021]"

It-Tribunal josserva wkoll illi fil-valutazzjoni tal-ERA fir-rigward tal-EIA maghmul fuq il-proposta originarjament approvata fl2018 jaghmel referenza ghal evalwazzjoni t'alternattivi, b'dan jindika li "The EPS outlines three alternative layouts that were considered, including the one under consideration […] The zero option for the site under consideration would imply the continued presence in Paceville of the Institute of Tourism Studies, which has occupied area B of the Site for many years. [Sezzjoni 3 tar-rapport tal-ERA datat Mejju 2018]" filwaqt li fir-rapport tal-ERA fir-rigward tal-aggornament tal-EIA gie ndikat ukoll li "The updated documentation to the EIA submitted by the EIA Coordinator (dated December 2020 – January 2021 with a revision on April 2021) states that an overall reduction in the significance of the environmental impacts identified and assessed in the original EIA will result in view of the downscaling being proposed. The document also states that all the cultural heritage assets discovered during the works will be retained and integrated in the development […] Although lower levels of significance are expected with respect to visual amenity, air quality, noise/vibration, GHG emissions, and wind climate/pedestrian comfort, the conclusions of the original EIA are still valid. [Sezzjoni 3.1 tar-rapport tal-ERA datat April 2017]"

Illi skont dawn l-estratti jirrizulta li l-EIA adottat mill-ERA, inkluz l-aggornamenti li saru fl-2020/2021 fir-rigward tal-proposta riveduta, kkunsidra alternattivi ohra inkluz skema differenti tal-bini u sahansitra 'zero option'. Aktar importanti min hekk, itTribunal josserva li l-izvilupp finalment kkunsidrat fir-rapport finali tal-ERA tal-2021 kien wiehed li jirrigwarda skala ridotta ta' bini min dak li kien gie kkontemplat fl-2018, u ghaldaqstant certament ma jistax jinghad li ma giex kkunsidrat tnaqqis fl-iskala talizvilupp. It-Tribunal josserva wkoll li fost l-effetti ambjentali identifikati permezz tal-EIA kien hemm l-impatti li l-izvilupp jista jkollu fuq Ghar Harq Hamiem, u segwentament l-izvilupp gie emendat sabiex ir-riskju ta' impatt fuq dan ikun wiehed minimu [Sezzjoni 3 intitolat 'Assessment of Alternatives' tar-rapport tal-ERA datat Mejju 2018].

Fir-rigward tan-nuqqas ta' access ta' informazzjoni u partecipazzjoni, it-Tribunal josserva li hekk kif gie ndikat fir-risposta talERA, jirrizulta li l-Awtorità tal-Ippjanar żżomm lill-pubbliku ben aġġornat fuq il-process tal-ippjanar permezz tal-pjattaforma eapps, u min-naha taghha l-ERA tinkludi kull dokument relatat mal-EIA aċċessibbli fuq is-sit elettroniku taghha. Fir-

rigward talprocess u l-proceduri tal-EIA inkluz il-partecipazzjoni pubblika, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak kkunsidrat minnu fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju.
Finalment it-Tribunal josserva li l-appellanti naqsu milli jipprezentaw xi provi fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' access ta' informazzjoni u partecipazzjoni, u meta wiehed jikkunsidra li l-process tal-EIA jinkludi konsultazzjoni pubblika u li permezz taddħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 455 tal-2020, il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46 giet emendata sabiex decizjoni tal-ERA fir-rigward ta' rapporti tal-EIA isiru waqt laqgħa fil-pubbliku, tali thassib mhuwiex sostnut mill-appellanti.
Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed jigi michud.

Id-Disa' Aggravju
Dan l-aggravju jirrigwarda allegat nuqqas ta' notifika lil istakeholders kkoncernati wara li l-EIA gie approvat, bl-appellant jargumentaw li dan huwa bi ksur tal-Konvenzjoni Aarhus u l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.123.
Illi kif gie rilevat fir-risposta tal-ERA, il-legislazzjoni sussidjarja 549.123 tirrigwarda regolament dwat il-ħarsien tas-siġar, u li ghallfinijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-ERA m'hijiex obbligata li tagħmel ebda laqgħat fil-pubbliku.
Fir-risposta tal-permit holder tal-PA3807/17 jaghmel bhala tieghu stess ir-risposta moghtija mill-Awtorita`, u jigi ndikat li dan qed isir stante li din l-istess risposta hija bbazata fuq fatti u kunsiderazzjonijiet oggettivi u korretti.
Illi fir-risposta taghha, l-ERA tindika wkoll li skont regolament 23(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46, l-Awtorità hija obbligata li "tieħu d-deċiżjoni fil-pubbliku u tagħti l-opportunità lill-applikant u lill-pubbliku biex jagħmlu kummenti u rappreżentazzjonijiet" u li tagħmel il-pożizzjoni tagħha "disponibbli pubblikament fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il ġurnata minn meta tkun ġiet finalizzata". Jigi ndikat ukoll li filkaz odjern, l-ERA ppubblikat ir-riklami ghal laqgha publika fl-14 t'April tal-2021 u li d-decizjoni tal-ERA mehuda fis-27 ta' April ittellgħet fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità dakinhar stess, u fuq il-portal tal-eapps fis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar.
It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghall-hames aggravju fl-appell numru 224/21 li wkoll jirrigwarda nuqqas ta' notifika tar-rapport finali tal-ERA fuq ir-rapport tal-EIA, u ghaldaqstant it-Tribunal jistrieh ukoll fuq dak li gie kkunsidrat u deciz minnu fl-imsemmi aggravju.
Finalment, jigi osservat li l-appellanti jaghmlu referenza ghal-Konvenzjoni Aarhus minghajr ma jispecifikaw liema parti ta' din ilKonvenzoni qed tigi miksura. Illi kif gie ndikat fid-definizzjoni pprovduta fil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46, din hija "Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali", u hekk kif gie kkunsidrat f'dan l-aggravju, id-dritt ghall-informazzjoni u lpartecipazzjoni pubblika huwa rifless fil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46, u jirrizulta li gie rispettat mill-Awtorita` responsabbli, ossia l-ERA.
Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed jigi michud.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi (ERA) fir-rigward tal-Environment Impact Assessment (EIA) b'numru ta' referenza EA/00007/17.

## Ikkunsidrat

### Ir-raba' aggravju

Dan l-aggravju hu ripetizzjoni fidila tad-disa' u l-ghaxar aggravji maghmula fl-appell mill-istess zvilupp izda mid-decizjoni tat-Tribunal rigward il-permess 3807/17 li tieghu l-EIA jifforma parti.

Il-Qorti ghal kompletezza qed tirriproduci dak li qalet fl-appell fuq imsemmi rigward l-istess aggravji.

**Id-disa' aggravju**

F'dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li d-decizjoni tat-Tribunal mhux konformi mal-L.S. 549.66 dwar valutazzjoni tal-impatt ambjentali li jrazzan milli progett jigi maqsum f'bicciet u mhux jigi evalwat fis-shih. Jghidu li bhala mizura ta' mitigazzjoni wara li sar Traffic Impact Assessment giet proposta mina li mhix skemata fil-pjan lokali u anqas hi parti mit-TENT-T Network u lanqas tidher fil-proposta tal-Paceville Master Plan. Din il-mina hi estensiva u ser twassal biss ghall-izvilupp tal-applikant. Minghajr din il-mina u dik fit-TENT-T project imsemmija fit-Traffic Impact Assessment, kull studju li sar jibqa' bla bazi. Ma saret ebda valutazzjoni xjentifika ogettiva jekk l-ammont ta' traffiku generat hux ser jissolva b'din il-proposta. It-Tribunal qal li din il-mina hi suggett ta' applikazzjoni ohra. Ma kienx ser jikkummenta dwarha ghalkemm wera thassib billi z-zewg zviluppi immorru id f'id. It-Trasport Planning Unit fi hdan l-Awtorita tal-Ippjanar ammettiet li l-impatt tal-mina ma giex evalwat. Dan imur kontra l-principju f'EIA qabel ma jsiru decizjonijiet olistici fuq zvilupp. L-appellanti jissottomettu fid-dettall in-nuqqasijiet relatati ma' approvazzjoni ta' zvilupp li ma jiehux kont b'mod car, komplut u unit l-impatt u l-viabilita tal-mina proposta.

Il-Qorti tqis li hawn ukoll l-appellanti qed jaghtu bixra legali ghall-aggravju li hu aktar wiehed ta' evalwazzjoni jekk il-proposta tal-izvilupp u l-mina li tifforma parti mill-izvilupp soggetta ghal applikazzjoni ta' zvilupp separata humiex teknikament sodisfacenti biex itaffu l-impatt ta' traffiku li ser jigi krejat bl-izvilupp. Gustament il-Qorti tqis li t-Tribunal kien korrett meta l-mina l-ohra imsemmija ghalkemm hi wahda li mhix relatata mal-izvilupp per se, kellha tittiehed in konsiderazzjoni bhala meljorament ghat-traffiku li jista' jigi generat bi zviluppi ohra fiz-zona inkluz dan in kwistjoni. Dan kollu u aktar jirrizulta minn qari akkurat tal-konsiderazjonijiet dettaljati tat-Tribunal fis-sitt aggravju deciz minnu

In kwantu ghal mina li hi parti mill-progett, izda soggetta ghal applikazzjoni separata da parti ta' Transport Malta, it-Tribunal qies li din kienet gia parti mit-traffic impact

assessment meta l-progett kien akbar u ha in konsiderazzjoni ukoll il-mina li hi parti mit-TENT-T project. It-Tribunal bhala stat ta' fatt mhux ta' ligi qies li tali impact assessment kien necessarju ghal bzonnijiet tal-izvilupp. It-Tribunal filwaqt li ha kont tat-traffic impact assessment flimkien mal-izvilupp ta' mina li skont it-Tribunal hi intiza ghaz-zona kollha mhux ghal dan l-izvilupp biss, qies ukoll illi l-attwazjoni tal-progett kien jiddependi wkoll minn dawn il-progetti infrastruttuali li mhux parti mill-mansjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar. Din hi kwistjoni teknika li l-Qorti ma tiddisturbax u l-fatturi imsemmija mill-appellanti li ma ittiehdux in konsiderazzjoni mat-Tribunal mhumiex ta' natura legali izda teknici u din il-Qorti izzid li fil-fatt it-Tribunal f'aggravji ohra f'dan l-appell dahal f'diversi aspetti tal-izvilupp imsemmija mill-appellanti. B'dana kollu t-Tribunal ordna li tiddahhal kondizzjoni fil-permess li ebda parti mill-progett ma kellha topera qabel mal-entita responsabbli, cioe Transport Malta, tikkonferma li l-infrastruttura li jkun hemm fis-sehh tkun adegwata ghal dan l-izvilupp kif indikat fil-Transport Impact Assessment. Fi kliem semplici dan ifisser li Transport Malta ma ghandhiex tohrog ebda konferma qabel ma' z-zewg mini proposti fit-TIA jew mizuri ohra inkluz il-mina 'l ohra bhala mitigazzjoni tal-progett jkunu attwati skont kif esprima ruhu t-Tribunal li qed tigi konfermata mill-Qorti. Hi fis-setgha tat-Tribunal li issir tali ordni bil-konsegwenzi legali li jinsorgu fin-nuqqas ta' attwazzjoni.

Ghalhekk l-aggravju kif maghmul qed jigi michud.

**L-ghaxar aggravju**

L-appellanti jsostnu illi d-decizjoni tat-Tribunal rigward l-istudju dwar il-vjaggi generati hu zbaljat u immotivat b'assunzjonijiet mhux ragonevoli. Huma jirreferu ghal prezunzjoni li l-ammont konsiderevoli ta' haddiema li ser jahdmu fl-izvilupp kwazi kollha ser juzaw it-trasport pubbliku minghajr ebda spjegazzjoni ghaliex kellha issir din il-prezunzjoni. Kellu jsir studju dwar l-impatt fuq il-vjaggi generati u l-parkegg mehtieg fis-sit u mhux biss figuri prodotti f'dokument mill-koordinatur tal-EIA. Ghalkemm it-Tribunal f'hin minnhom jghid li dan id-dokument ma kellux impatt influenti fuq il-konkluzjonijiet tat-Transport Impact Assessment pero ikkontradixxa lilu innifsu meta qal li fil-proposta aggornata l-Awtorita ghamlet taghha dan id-dokument bla ebda verifika ulterjuri.

Il-Qorti tqis illi s-sottomissjoni maghmula mill appellanti mhux korretta u ittiehdet barra mill-kuntest. Mhux minnu li kien hemm kontradizzjoni fuq dak li jghid id-dokument imsemmi mill-appellanti. Anzi ghal kuntrarju t-Tribunal qies li dan id-dokument ma kellux xi impatt dirett biex l-Awtorita tal-Ippjanar taghti l-kunsens taghha wara li ikkonsidrat dak sottomess mill-Awtorita ghat-Trasport li ma jirreferix ghad-dokument imsemmi mill-appellanti, biex tiehu d-decizjoni fuq l-impatt dwar il-parkegg necessarju. Hu minnu li d-dokument imsemmi mill-appellanti irriferiet ghalih l-Awtorita pero d-decizjoni taghha ma kienx bazat fuq dan id-dokument izda ohrajn. Pero apparti dan kollu l-aggravju ma jikkostitwix punt ta' ligi izda nuqqas ta' qbil fuq kif kellu jigi meqjus il-parkegg necessarju ghall-izvilupp.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur